C/2024/7546

23.12.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11789 – APOLLO / BARNES GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7546)

1. Fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apollo Global Management, Inc. ("Apollo", l-Istati Uniti),

— Barnes Group Inc. ("Barnes", l-Istati Uniti).

Apollo se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Barnes kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Apollo hija maniġer tal-assi alternattivi li toffri servizzi ta' mmaniġġjar tal-investiment u ta' ppjanar finanzjarju lill-investituri individwali u istituzzjonali. Apollo tikkontrolla, fost l-oħrajn, tliet kumpaniji tal-portafoll: Arconic, manifattur globali tal-aluminju; Tenneco, fornitur ta' komponenti ta' vetturi bil-mutur; u ABC Technologies, manifattur tal-parts tal-karozzi.

— Barnes hija kumpannija pubblika kkwotata fil-Borża ta' New York. Hija manifattur u fornitur tas-servizzi globali tat-teknoloġija industrijali u tal-ajruspazju. Id-diviżjoni ajruspazjali tagħha tiffoka fuq il-provvista ta' partijiet komponenti u assemblaġġi għall-klijenti tal-manifattura tat-tagħmir oriġinali, kif ukoll servizzi ta' wara l-bejgħ. Id-diviżjoni industrijali tagħha tiffoka fuq il-provvista ta' soluzzjonijiet ta' ffurmar, prodotti ta' awtomatizzazzjoni u soluzzjonijiet ta' kontroll tal-moviment, inkluż it-tagħmir industrijali, l-awtomatizzazzjoni, il-kura personali, l-imballaġġ, l-elettronika, il-mobbiltà u l-apparat mediku.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11789 – APOLLO / BARNES GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË